VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,415, 24 ta' April, 2015
Taqsima B

A.L. 140 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordni tal-2015 dwar it-Twaqqif tal-Istitut għall-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 131 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2015 dwar it-Twaqqif tal-Istitut għall-Edukazzjoni.

Tifsir.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

Kap. 327.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Edukazzjoni;

"edukatur" tfisser dawk kollha involuti fl-amministrazzjoni u l-għoti ta' tagħlim u studju fis-settur edukattiv fi ħdan il-perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja;

"Istitut" tfisser l-Istitut kif stabbilit permezz ta' dan l-Ordni;

"Ministru" tfisser il-Ministru reponsabbli għall-edukazzjoni.

Twaqqif tal-Istitut,

3. Għandu jitwaqqaf Istitut, li jkun magħruf bħala l-Istitut għall-Edukazzjoni, li għandu jkun awtonomu u li jwettaq funzjonijiet marbuta ma' sviluppu u taħriġ professjonali kontinwu għall-edukaturi u li jservi ta' gwida ewlenija f'dawn l-oqsma.

Operat u attivitajiet tal-Istitut.

4. L-operat u l-attivitajiet tal-Istitut ikunu taħt id-direzzjoni tal-Bord u jiġu ttrattati mill-membri tal-Bord u għal dan il-għan ikun rappreżentat minn *Chairperson* li jkun jista' jitkellem u jagixxi f'ismu.

Funzjonijiet u obbligi tal-Istitut.

5. (1) Il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Istitut huma li:

(a) jipprovdi formazzjoni, ħiliet, attitudnijiet u prattiċi professjonali biex jiġu utilzzati fil-ħajja professjonali ta' kuljum tal-edukaturi u l-kuntesti tagħhom meta wieħed iqis il-kuntesti diversi li jeżistu;

(b) jimplimenta attivitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu konsistenti ma' jew bħala sostenn għall-politika tal-Gvern u oqfsa edukattivi;

(ċ) jagħti parir lill-Ministru dwar kwistjonijiet, ħtiġijiet u prattiċi għal żvilupp professjonali kontinwu;

(d) jikkjarifika, jifhem u jwessa' l-aspetti varji ta' tmexxija edukattiva;

(e) jiżviluppa viżjoni ta' tmexxija għall-iskejjel;

(f) iservi bħala ċ-ċentru għall-edukaturi biex jiltaqgħu fih u jaqsmu flimkien esperjenzi komuni, sfidi u possibbiltajiet, flimkien ma' twettiq ta' riċerka dwar azzjoni u biex tinġabar *data* marbuta ma' żvilupp professjonali kontinwu;

(g) irawwem għarfien serju, b'impenn reali tal-edukazzjoni f'sens aktar wiesa' u r-relazzjoni dijaltettika tagħha mal-ħajja;

(h) jinkoraġġixxi tmexxija edukazzjonali riflettiva li tkun konxja tal-kwalitajiet, possibbiltajiet, sfidi u limiti tagħha, personalment,, socjalment kif ukoll professjonalment, biex b'hekk issir tmexxija li trawwem il-fiduċja u t-tama;

(i) jaġixxi bħala forum importanti għal diskussjonijiet dwar politika edukattiva;

(j) iwettaq kull funzjoni oħra li hija relatata ma' jew anċillari ma' dan ta' hawn fuq.

(2) L-Istitut ikun korp magħqud li jkollu personalità ġuridika distinta u jkun jista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att, jidħol f'kuntratti, jakkwista, iżomm jew jiddisponi minn kull tip ta' proprjetà għall-għanijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek u jiġi mħarrek, u li jagħmel dak kollu u jidħol għal dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżercizzju jew it-twettieq tal-funzjonijiedt tiegħu talt dan l-Ordni.

(3) Il-personalità legali u ġuridika tal-Istitut tkun vestita fiċ-*Chairperson*.

Kompożizzjon tal-Bord tal-Istitut.

6. (1) L-Istitut jitmexxa minn Bord magħmul minn mhux inqas tlettax u mhux aktar minn ħmistax-il membru li għandhom jiġu nominati mill-Ministru u maħtura mill-Prim Ministru għal perjodu ta' tliet snin u l-membri jkunu eliġibbli biex jerġgħu jiġu maħtura wara li t-terminu tal-kariga tagħhom ikun skada.

(2) Il-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Ministru, għandu jaħtar *Chairperson* u Deputat *Chairperson* minn fost il-membri.

(3) Il-membri tal-Bord għandhom jinkludu dawn il-membri li ġejjin:

(a) għalliem reġistrat li jkun ħadem fil-professjoni ta'

għalliem għal mhux inqas minn tmien snin, maħtur mill-Ministru, minn fost l-uffiċjali tad-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni;

(b) membru nominat mill-Kunsill għall-Professjoni tat-Tagħlim stabbilit bis-saħħa tal-artikolu 26 tal-Att;

(ċ) membru nominat minn dik l-assoċjazzjoni tal-għalliema li jkollha l-maġġoranza ta' għalliema reġistrati bħala membri tagħha;

(d) persuna nominata mis-settur edukativ mhux tal-istat;

(e) membru nominat mill-Università ta' Malta minn fost l-i*staff* akkademiku permanenti tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

(f) membru nominat mill-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija;

(g) membru nominat mill-Istitut tal-Istudji Turistiċi;

(h) persuna li tarrappreżenta s-soċjetà ċivili;

(i) persuna li tirrappreżenta l-industrija;

(j) massimu ta' sitt persuni li, fil-fehma tal-Ministru, jkollhom kwalitajiet ta' mexxejja, u għandhom għarfien ta' edukazzjoni fil-kuntest ta' soċjetà miftuħa, demokratika, prospera u inklussiva.

(4) Membru tal-Bord jista', ikun meta jkun, jitneħħa mill-kariga mill-Prim Ministru fuq bażi ta' nuqqas ta' ħila biex iwettaq il-funzjonijiet mitluba mill-kariga tiegħu kif meħtieġ, jew minħabba f'mard mentali jew fiżiku, jew għal xi raġuni oħra li minħabba fiha l-membru ma jkunx jista' jkompli jokkupa din il-kariga jew minħabba f'kondotta ħażina.

(5) Membru ta' Bord jista' jirreżenja mill-kariga permezz ta' ittra indirizzata lill-Prim Ministru. Jekk membru jitfa' r-riżenja tiegħu jew jitneħħa mill-kariga mill-Prim Ministru jew jekk il-kariga ta' xi membru tal-Bord b'xi mod issir vakanti, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Ministru, jista' jaħtar persuna kwalifikata biex tidħol għal dik il-kariga u dik il-persuna maħtura tibqa' tokkupa dik il-kariga sat-tmiem tat-terminu tal-kariga tal-persuna li qed tiġi sostitwita, u dik il-persuna tkun eliġibbli biex terġa' tkun maħtura.

(6) Kull assenza jew vakanza fost il-membri tal-Bord jew kull partiċipazzjoni fil-laqgħat tiegħu minn xi persuna li mhijiex intitolata tagħmel hekk, ma tħassarx il-proċeduri tal-Bord, sakemm ikun hemm

kworum ta' mhux inqas minn nofs in-numru tal-membri tal-Bord u wieħed.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Ordni u kull regolament magħmul taħt l-Att, il-Bord ġeneralment jista' jirregola l-proċeduri tiegħu.

(8) Il-Ministru jista' jagħmel regoli rigward il-proċeduri li għandhom jiġu adottati mill-Bord waqt l-operazzjonijiet tiegħu.

Ingaġġar u terminazzjoni tal-ingaġġar ta' impjegati tal-Istitut.

7. (1) L-ingaġġar u t-terminazzjoni tal-ingaġġar tal-impjegati tal-Istitut ikunu funzjoni tal-Bord li jaġixxi permezz taċ-*Chairperson* wara konsultazzjoni xierqa mal-Uffiċjal Eżekkutiv Ewlieni.

(2) L-impjegati kollha li kienu qed iwettqu d-dmirijet tagħhom, u kull uffiċjal pubbliku ieħor li bħalissa qed jaqdi dmirijietu, mad-Direttorati tal-Edukazzjoni għandhom jitqiesu bħala impjegati tal-Istitut taħt l-istess termini u kondizzjonijiet li jkunu jipprevalu fid-data tal-bidu tas-seħħ ta' dan l-Ordni.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att u għad-direttivi tal-Bord, materji eżekuttivi u amministrattivi u l-organizzazzjoni tal-Istitut u l-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tiegħu, jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

(4) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jkun ukoll responsabbli għall-implimentazzjoni tal-funzjoni tal-Istitut u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel jista' jiżviluppa strateġiji, politika u regoli meħtieġa għall-implementazzjoni tal-għanijiet tal-Istitut, jipprovdi informazzjoni u jagħti parir dwar kull materja u jwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu minn żmien għal żmien mill-Istitut.

(5) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jiġi maħtur mill-Istitut, bl-approvazzjoni tal-Ministru, skont dawk it-termini u kondizzjonijiet li l-Istitut jista' jistabbilixxi bi qbil mal-Ministru.

(6) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jirraporta liċ-*Chairperson* u lill-Istitut u jattendi l-laqgħat tal-Istitut kull meta jiġi mistieden.